# "aħna t-tafal u inti l-fuħħari"
# Adorazzjoni Ewkaristika bi tħejjija għall-bidu tal-Avvent
# Diċembru 2023

## Innu għal waqt l-Espożizzjoni

## Viżta lil Ġesù Ewkaristija

O Għerf li ħriġt mill-fomm ta' Alla l-Għoli
mifrux fuq meddet l-art minn tarf għal ieħor
u b'qawwa w l-ħlewwa kollox f'postu tqiegħed:
ejja w għallimna triq il-għaqal tiegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

O Sid, Mexxej ta' dar Iżrael kollu
li 'l Mosè dhert fin-nar tal-għollieq jaqbad
u l-liġi mqaddsa fuq is-Sinaj tajtu:
ejja w iksibna bil-qawwa ta' driegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

O Għerq t'Isai bħala sinjal imwaqqaf
biex fomm slaten il-popli inti titboq
filwaqt li l-ġnus ilissnu l-karba tagħhom:
ejja u l-ħelsien rodd bla ma tiddawwar.

*Missierna, Sliema, Glorja*

O Muftiħ David, xettru tad-dar tiegħu,
li tiftaħ int u ħadd warajk ma jagħlaq,
u tagħlaq int u ħadd ma jista' jiftaħ:
ejja u l-marbut ħoll li fil-mewt jgħammar.

*Missierna, Sliema, Glorja*

O Sebħ il-jum li tfeġġ f'tal-Lvant ix-xefaq,
dija tad-dawl etern u xemx tas-sewwa
li d-dlamijiet ikeċċu r-raġġi tiegħek:
ejja ħalli fuq dell il-mewt int tisreġ.

*Missierna, Sliema, Glorja*

O Re tal-ġnus u xewqa kbira tagħhom,
tax-xewka l-ġebla mwarrba mill-bennejja,
li minna t-tnejn int nissilt poplu wieħed:
ejja ħa ssalva 'l min mit-trab sawwartu.

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

F'din il-ġimgħa bejn sena liturġika u oħra, bħal donnha mdendla fl-ajru, it-tmiem jifrex it-tapit għal bidu ieħor, li jista' jkun bidu kwalunkwe bħal ħafna oħrajn

qablu u oħrajn warajh, imma jista' wkoll ikun bidu deċiżiv, li jagħmel differenza u jħalli marka, li jgħaddi imma ma jintesiex. Ma jintesiex mhux f'sens nostalġiku imma bħal meta sseħħ laqgħa ta' mħabba li la tħalli 'l ħajjitna l-istess u lanqas tistagħġna imma tibqa' tikber u timmatura kuljum. Anke dan iż-żmien liturġiku tal-Avvent, li se nibdew għada u bih nagħtu bidu għas-sena liturġika l-ġdida, ukoll għandu minn din id-dimensjoni tranżitorja taż-żmien li jgħaddi, taż-żmien maqbud bejn żewġ ġrajjiet, waħda passata—l-inżul ta' Alla fostna bħala bniedem bħalna biex isalvana—u waħda ġejjiena—meta l-istess Mulej jerġa' jiġi fis-sebħ kollu tiegħu biex iseħibna miegħu għal dejjem bir-ruħ u l-ġisem. Għalkemm din il-mogħdija taż-żmien mhijiex fil-kontroll tagħna, biex din l-istennija ma tkunx nostalġija frustrata u bla saħħa għall-futur imma tkun imħabba li dejjem titqanqal u tikber, jeħtieġ li nagħmlu għażla konxja li nwieġbu għall-istedina kollha mħabba tal-Mulej Ġesù li, f'dan iż-żmien maqbud bejn iż-żewġ miġjiet tiegħu, ma jehdiex jiġi fostna u jgħammar qalb djarna permezz ta' dan is-Sagrament tal-Ewkaristija—preżenza siekta, moħbija, imma kostanti, dejjem tarmi s-sħana tal-imħabba li tfarraġ mir-reżħa ta' barra u ddewweb il-ġlata tal-monotonija sabiex imħabbitna wkoll tkompli tikbes u titħeġġeġ ma' kull jum li jgħaddi.

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija** (64, 1-7)
Bħalma n-nar iqabbad il-ħatab,
bħalma n-nar jgħalli l-ilma;
hekk tgħarraf ismek lill-għedewwa tiegħek,
u l-ġnus jitriegħdu quddiemek,
meta int tagħmel għeġubijiet li ma konniex nistennew,
u sa mill-qedem qatt ma smajna bihom!
Widna qatt ma semgħet,
għajn qatt ma rat Alla bħalek,
Alla li jħabrek għal min jittama fih.
Int tilqa' lil min jagħmel is-sewwa bil-ferħ,
lil dawk li jiftakru fi triqatek.
Ara! Int kont mgħaddab għalina,
u aħna dnibna.
Domna fi dnubna,
u kontrik qomna għal ħafna żmien.
Tniġġisna lkoll kemm aħna,
bħal ċarruta maħmuġa
l-aħjar għemejjel tagħna;
bħal werqa lkoll dbilna
u ħżunijietna bħal riħ ġarrewna.

Ħadd ma hawn li jsejjaħ ismek,
li jitħarrek biex iżomm miegħek.
Għax int ħbejt wiċċek minna,
u rħejtna f'idejn ħżunijietna.
Madankollu, Mulej, int missierna;
aħna t-tafal, u inti l-fuħħari;
aħna lkoll għemil idejk.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. *Irroddu ħajr lil Alla*

It-tafal: materjal malleabbli, li jista' jintgħaġen u jingħata l-forma mingħajr ma jitlef xejn mill-essenza tiegħu, u fl-istess waqt jinħema fil-forn ta' nar qalil sabiex dik il-forma tibqa' u jkun jista' jintuża b'mod prattiku jew biex iżejjen. Donnu ħobż li kważi kważi jgħaddi mill-istess proċess sakemm isir u jkun jista' jsir Ewkaristija bi kliem is-saċerdot sabiex nikluk u nadurawk, Mulej Ġesù.
It-tafal: materjal li jżomm l-ilma, kemm fil-forma naturali tiegħu meta jagħmel possibbli ħażniet ta' ilma ġieri li jisqu l-art, il-bhejjem u l-bnedmin, u kif ukoll fil-forma solida tiegħu jekk jiġi miksi tajjeb. Bħalek, Mulej Ġesù, li kull min jieħdu l-għatx jista' jiġi għandek u jixrob, u meta nixorbu minnek il-lega tal-grazzja tiegħek tagħmilna wkoll ġarar tal-fuħħar li, minkejja li faċilment jistgħu jaqgħu u jixxellfu jew jinkissru, inti fihom tferra' l-ilma sabiex minna wkoll joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj (ara Ġw 7, 37-38). Jew jeħtieġ li nixxaqqu xi ftit biex dan ikun jista' jseħħ?
Mulej, aħna t-tafal u inti il-fuħħari. Aħna lkoll għemil idejk. Tagħġinna u tiffurmana bħalma ssawwar l-ewwel bniedem mill-Missier fuq ix-xbieha tiegħek, u għaġen ukoll ġisem għalik u fforma l-qalb ta' bniedem tiegħek li fl-istess waqt setgħet tħobb lill-bnedmin bl-imħabba ta' Alla u tgħallimhom jagħmlu l-istess. X'kobor ta' misteru li l-argumenti u r-raġunamenti filosofiċi u teoloġiċi m'għandhomx il-qawwa jfissru daqskemm għandha l-qawwa tfissirhom in-natura msawra minnek.
Mulej, aħna wkoll tafal bħala Knisja, bħala komunità. U, bi proċessi differenti, b'ċirkostanzi ġodda li jinqalgħu u li jitolbu tweġiba, b'persuni u gruppi profetiċi, awtentiċi, u radikali, b'persuni dgħajfa li joffru qalbhom kollha lilek, inti tagħġinna, tiffurmana, taħmina, biex tkun tista' tużana. Knisja fejn anke t-tixlif ta' daqqiet id-dinja, ix-xquq tat-theżżiż minn ġewwa, u d-daqqiet preċiżi tiegħek, jistgħu wkoll ikunu għejun ta' grazzja. Anzi, kultant għandek ħabta kif tippermetti dan il-ksur sabiex inkunu tassew il-Knisja tiegħek kif tridna inti: dgħufija umli mbierka u li tbierek; fraġilità li faċli tixxellef imma s-sbuħija tagħha hija proprju din id-delikatezza f'idejn il-fuħħari li ma jehdiex jitgħaxxaq b'xogħol idejh.

Mulej, hekk kif ninsabu quddiemek bejn il-miġja tiegħek bħala tarbija fiż-żmien u t-tieni miġja tiegħek fil-glorja bħala t-Tmiem taż-żmien, nitolbuk li dan iż-żmien tal-Avvent, minkejja l-ġenn ta' dan ix-xahar li kontinwament jipprova jisraqna mit-tifsira vera tal-Milied u tal-istess eżistenza tagħna, bil-ħerqa nitolbuk il-grazzja li mill-ġdid nerġgħu nintelqu f'idejk sabiex tħobbna u tinqeda bina biex tħobb tant bnedmin oħra.

## Innu Ewkaristiku

Minkejja li flok ix-xbieha tat-tafal tintuża x-xbieha tal-għarbiel, Salm 139 ukoll ipoġġina mill-ġdid quddiem Alla, għarwenin, bla difiżi, u allura disponibbli għal dak li jrid jagħmel fina u permezz tagħna. Ejjew nitolbu flimkien dan is-Salm billi nwieġbu flimkien: *Mulej, int tgħarbilni u tagħrafni*.

(Salm 139, 1-5. 7-8. 14-15. 17-18. 23-24)

Mulej, int tgħarbilni u tagħrafni;
int taf meta noqgħod u meta nqum,
int tagħraf mill-bogħod ħsibijieti.
Int tagħraf il-mixi u l-waqfien tiegħi;
triqati kollha inti tafhom sewwa. ***R/.***

Inkun għadni anqas lissint il-kelma,
meta int, Mulej, tkun ġa tafha kollha.
Dawramejt inti tħaddanni,
u tqegħedli idek fuqi. ***R/.***

Fejn immur 'il bogħod mill-ispirtu tiegħek?
Jew fejn nista' naħrab minn quddiem wiċċek?
Jekk nitla' fis-smewwiet, hemm int;
jekk nimtedd f'qiegħ l-art, int hemm ukoll. ***R/.***

Irroddlok ħajr, għax b'mod tal-għaġeb għamiltni:
tal-għaġeb huma l-għemejjel tiegħek.
U 'l ruħi inti tafha tajjeb.
Ma kienx moħbi għadmi minnek,
meta kont qiegħed insir fis-satra
u nintiseġ fil-qigħan tal-art. ***R/.***

Kemm huma tqal ħsibijietek għalija, o Alla!
Kemm hu bla tarf l-għadd tagħhom!
Li kelli ngħoddhom, huma aktar mir-ramel;
xħin nasal fl-aħħar, inkun għadni fil-bidu miegħek. ***R/.***

Għarbilni, o Alla, u agħraf qalbi;
iflini, u kun af ħsibijieti.
Ara iniex miexi fi triq ħażina,
u mexxini fit-triq ta' dejjem. *R/.*

(*adorazzjoni fis-skiet*)

Mulej, fil-Ktieb tal-Profeta Ġeremija nsibu kif inti bgħattu għand il-fuħħari sabiex josserva s-sengħa tiegħu. Ġeremija jinnota li, waqt li jkun qed jaħdem fuq ir-rota, kif il-ġarra li kien qed jaħdem toħroġlu ħażin, kif jiġrilu t-tafal f'idejn il-fuħħari, dan raġa' għamel oħra minnha kif għoġob lilu. Quddiem din ix-xengħa, Ġeremija fehem u wassal din il-kelma tiegħek: "'Dar Iżrael, jaqaw ma nistax nimxi magħkom bħal dan il-fuħħari?' Oraklu tal-Mulej. 'Bħalma hu t-tafal f'idejn il-fuħħari, hekk intom f'idejja, dar Iżrael'" (Ġer 18, 1-6).
Mulej, bħala l-poplu l-ġdid tiegħek, bħala Iżrael il-ġdid tiegħek, bil-fiduċja tat-tafal f'idejn il-fuħħari, se nduru lejk u lleħnulek it-talbiet tagħna għall-Knisja u għad-dinja sabiex mill-ġdid nerġgħu nafdawhom fuq ir-rota tiegħek sabiex issawwarhom u tiffurmahom bil-ħniena tiegħek.

- Wettaq il-Knisja hija u tħabbar u tiddefendi d-dinjità maħluq xbieha tiegħek u msieħeb miegħek fl-opra tal-ħolqien u s-salvazzjoni. Nitolbu.
- Seddaq il-mexxejja tal-ġnus kollha sabiex iħabirku għall-paċi u l-ġustizzja fuq wiċċ l-art kollha, b'mod speċjali fl-art fejn twelidt u terraqt inti għall-fidwa tagħna. Nitolbu.
- Bierek it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna sabiex, huma u jedukaw u jiffurmaw ruħhom, isibu persuni li tassew jagħġnuhom skont l-imħabba tal-qalb tiegħek. Nitolbu.
- Kebbes il-fran tal-familji, il-gruppi u l-komunitajiet tagħna sabiex ikunu ambjenti li fihom il-membri jistgħu jinħmew biex jilqgħu u jxerrdu l-grazzja tiegħek għall-qadi tal-bnemdin kollha. Nitolbu.
- Rattab il-qlub li bbiesu ħtija tal-weġgħat tal-passat u tal-inġustizzji sabiex dan iż-żmien tal-Avvent ikun għalihom żmien ta' grazzja u rikonċiljazzjoni. Nitolbu.
- Nitolbuk għalina lkoll sabiex matul dan ix-xahar ma ninħakmux mill-ispirtu u r-ritmu frenetiku tad-dinja imma nibqgħu nżommu taqbad fina l-fjamma tal-aħbar it-tajba tal-miġja tiegħek bħala l-għajn li minnha nieħdu l-ħajja u li tagħmilna iktar nixbhu lilek. Nitolbu.

Mulej, aħna t-tafal, u inti l-fuħħari; aħna lkoll għemil idejk. Int tgħarbilna u tagħrafna, u 'l ruħna tafha tajjeb. Ilqa' dan it-talb li qegħdin irressqu quddiemek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Barka Sagramentali**